

Brussell, 12 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10393/21

ONU 64	DEVGEN 134
CONUN 96	SUSTDEV 94
COHOM 104	ENV 475
CFSP/PESC 658	CLIMA 168
COPS 258	COHAFA 61
CSDP/PSDC 354	MIGR 133
CONOP 33	CODUN 29
COTER 90	SAN 439
COAFR 184	CYBER 197

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10303/21	
Suġġett:	Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul is-76 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2021 - Settembru 2022 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Lulju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul is-76 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2021 – Settembru 2022, kif approvati mill-Kunsill fit-3807 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Lulju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul is-76 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,

Settembru 2021 – Settembru 2022¹

1. Fid-dinja multipolari tal-lum ikkaratterizzata minn ċaqliq kbir fil-poter ġeopolitiku u ekonomiku, il-multilateraliżmu jibqa' l-aktar mezz effettiv biex ir-relazzjonijiet globali jiġu rregolati b'mod li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd. Sfidi globali dejjem aktar kumplessi jitolbu soluzzjonijiet olistiċi li jistgħu jiġu biss permezz ta' governanza multilaterali aktar effettiva u kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Il-multilateraliżmu jrid ikun effettiv, ġust u jagħti riżultati li jservu kemm l-interessi u l-valuri tal-UE kif ukoll dawk globali. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta f'waqtha mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jisfruttaw is-setgħa ta' tlaqqigħ tagħhom b'appoġġ għal multilateraliżmu effettiv billi jlaqqgħu flimkien l-atturi globali favur soluzzjonijiet globali komuni u ser javvanzaw il-prijoritajiet u l-interessi strateġiċi multilaterali, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar l-azzjoni tal-UE biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, sabiex tiġi żgurata dinja aktar sikura u aktar stabbli u rkupru globali sostenibbli u inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19.

¹ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

Nazzjonijiet Uniti adatta għas-seklu 21

2. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma u jibqgħu sostenituri sodi tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli bin-NU fil-qalba tiegħu, imsawra fuq ir-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Id-dinja m'għadhiex tixbah dak li kienet meta twaqqfet in-NU 75 sena ilu. Biex tibqa' leġittima, in-NU trid tkun mgħammra biex tindirizza sfidi globali dejjem aktar kumplessi u twieġeb għat-talbiet dejjem jikbru taċ-ċittadini f'termini ta' trasparenza, responsabbiltà, inklużività u twettiq effettiv. Il-proċess mibdi bl-adozzjoni tad-dikjarazzjoni politika fl-okkazzjoni tal-laqgħa ta' livell għoli biex jiġi kkommemorat il-75 anniversarju tan-NU f'Settembru 2020 jipprovdi opportunità unika biex tinbidel u tiġi aġġornata s-sistema tan-NU mmirata lejn dawn l-oġettivi. L-UE tistenna b'interess ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar kif għandha tadvanza l-"Aġenda Komuni Tagħna" u tinsab lesta li timpenja ruħha b'mod attiv fl-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri u ttejjeb il-governanza globali.
3. Aħna ser inkomplu nappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi tan-NU, billi naħdmu flimkien lejn NU li hija adatta għall-iskop tagħha, filwaqt li naħtfu l-opportunitajiet u nadattaw l-organizzazzjoni għall-isfidi globali u l-ġeopolitika tas-seklu 21. Aħna ser nappoġġaw ir-riformi meħtieġa tal-korpi u l-organi tas-sistema tan-NU, inkluż ir-riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex nagħmluhom aktar effettivi, trasparenti, demokratiċi, rappreżentattivi u responsabbli. L-UE ser tistinka wkoll għal finanzjament sostenibbli u adegwat tan-NU u l-mandati tagħha, f'konformità mal-Patt ta' Finanzjament, sabiex tippermetti l-funzjonament effettiv tagħha.
4. L-UE tirrikonoxxi l-progress li sar lejn "rendiment wieħed" imsaħħaħ tan-NU li jopera b'mod aktar integrat, koerenti, effiċjenti u mmexxi mir-riżultati u ser tkompli tippromwovi dan, filwaqt li tappoġġa l-aġenziji, il-fondi u l-programmi tan-NU fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp. Bħala prijorità kondiviża, ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp u l-paċi hija essenzjali biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni madwar l-azzjonijiet umanitarji, ta' żvilupp u ta' konsolidazzjoni tal-paċi tal-UE u tan-NU u biex jiġi żgurat approċċ komprensiv immirat lejn l-indirizzar tar-riskji, il-bini tar-reżiljenza, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-kisba ta' riżultati sostenibbli fil-prattika għall-komunitajiet lokali.

5. L-UE ser tagħmel użu sħiħ mill-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – "Ewropa Globali" *biex tappoġġa l-aġenda multilaterali tagħha, u tgħin biex tixpruna r-riformi multilaterali u l-kooperazzjoni effettiva*. Fil-proċess ta' programmazzjoni, l-UE ser tadotta fokus immexxi mill-politika dwar x'tista' tagħmel flimkien mal-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab f'approċċ ta' "Tim Ewropa" fil-livell tal-pajjiż, reġjonali u multilaterali, kull fejn ikun xieraq. Biex iżżid l-effettività tal-azzjoni esterna tagħha, l-UE ser taħdem biex tallinja l-finanzjament tagħha mas-sistema multilaterali aktar mill-qrib mal-prijoritajiet ta' politika miftiehma tagħha, inkluż permezz ta' approċċ aktar strateġiku għal finanzjament volontarju ta' kwalità għal fondi, programmi u aġenziji speċjalizzati ewlenin tan-NU. Il-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni tal-finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE għandhom jissaħħu.

Bini mill-ġdid aħjar

6. Il-pandemija tal-COVID-19 laqtet lid-dinja b'impatti devastanti fuq l-individwi, is-soċjetajiet u l-ekonomiji u wriet kemm l-isfidi globali huma marbutin mill-qrib ma' xulxin. Biex tintrebaħ il-ġlieda kontra l-pandemija, il-vaċċini sikuri u effettivi u l-immunizzazzjoni, il-provvisti kif ukoll id-dijanjostika u t-trattament, għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd madwar id-dinja. Il-proċess tat-tilqim mhuwiex tellieqa bejn il-pajjiżi iżda tellieqa kontra l-ħin. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma wieħed mill-kontributori ewlenin għall-ACT-A u l-Faċilità COVAX tagħha u ser ikompli jaqdu rwol ċentrali fil-promozzjoni tar-rispons multilaterali biex jiġi żgurat **aċċess sikur u ġust għall-vaċċini**, għat-testijiet u għat-trattamenti kontra l-COVID-19 għal kulħadd, b'mod partikolari billi jiddiversifikaw il-kapaċità globali tal-manifattura tal-vaċċini u jżidu l-kondiviżjoni u l-aċċess tal-vaċċin, anke permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Kondiviżjoni tal-Vaċċini, u b'hekk ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

7. **It-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u t-tħejjija internazzjonali** u r-rispons għal pandemiji futuri ser jibqgħu prijorità ewlenija għall-UE, f'konformità ma' approċċ ta' gvern sħiħ, soċjetà sħiħa, "saħħa waħda" għat-tħejjija u r-rispons għall-pandemija, u f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Ruma adottata fis-Summit Globali dwar is-Saħħa. Fi spirtu ta' solidarjetà globali, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li javvanzaw is-sigurtà tas-saħħa globali, u ser ikomplu bl-isforzi ewlenin biex isaħħu t-tħejjija u l-kapaċità tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li ttrisspondi għal emerġenzi tas-saħħa u taħdem għal trattat internazzjonali dwar il-pandemiji fi ħdan il-qafas tagħha. Il-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika jeħtieġ li tiġi aċċellerata fil-livell globali u ser nippromwovu ftehimiet globali aktar b'saħħithom dwar l-użu tal-antimikrobiċi u l-aċċess għalihom.
8. Hekk kif id-dinja qed toħroġ minn din il-kriżi, hemm bażi sinifikanti għall-irkupru: l-2020 rat l-ewwel treġġiġh lura fl-iżvilupp tal-bniedem għal dawn l-aħħar tletin sena. L-UE tenfasizza l-ħtieġa urġenti li **nerġgħu nibnu b'mod li jkun aħjar u aktar ekoloġiku** u li nippromwovu soluzzjonijiet multilaterali li jiffukaw fuq il-bini ta' dinja aktar sostenibbli, inklużiva, ġusta, ugwali u reżiljenti, bl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala l-pjan direzzjonali tagħna. L-UE ser issegwi Inizjattiva ta' Rkupru Globali li torbot l-investiment u l-ħelsien mid-dejn mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli biex tiżgura perkors tassew trasformattiv ta' wara l-COVID-19. Bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkondividu impenn qawwi biex jappoġġaw lil pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. F'dak ir-rigward, aħna ser inkomplu nrawmu Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati (INFFs) sabiex nikkoordinaw u nallinjaw il-finanzjament mal-prijoritajiet nazzjonali u l-SDGs, intejbu l-impatt tar-riżorsi kollha disponibbli u nippromwovu l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli. Għandna nużaw id-Deċennju ta' Azzjoni biex naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-SDGs sal-2030 waqt li ma nħallu lil ħadd lura, filwaqt li nenfasizzaw l-importanza li l-miri tal-SDG jiġu indirizzati bi skeda ta' żmien għall-2020 li ma ntlaħqitx, sabiex tiġi żgurata l-ambizzjoni kontinwa tal-Aġenda 2030 u tiġi ssalvagwardjata l-integrità tagħha. Hemm ħtieġa partikolari li l-isforzi jiġu kkonċentrati biex l-ewwel jintlaħqu dawk l-aktar milquta mill-pandemija. L-UE tilqa' l-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex ilaqqa' Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel biex iniedi azzjonijiet kuraġġużi għat-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel biex isiru aktar sikuri, aktar reżiljenti u ambjentalment sostenibbli.

9. L-irkupru ekonomiku irid jimxi id fid mal-ġustizzja soċjali, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni u x-xogħol deċenti. L-UE ser tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni globali tad-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol. L-UE ser tkompli tippromwovi r-realizzazzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol u ser tippromwovi protezzjoni soċjali universali biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u l-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-edukazzjoni ta' kwalità trid tkun fil-qalba tal-irkupru, bħala mezz ewleni biex il-ġenerazzjoni żagħżugħa tingħata prospetti tajbin fil-ħajja.
10. Id-djalogi u s-sħubijiet komprensivi dwar il-migrazzjoni huma parti integrali mir-relazzjonijiet tal-UE mas-sħab, iffukati fuq interessi u priyoritajiet komuni rispettivi. L-UE ser tkompli timpenja ruħha man-NU u l-pajjiżi sħab biex iżżid l-isforzi globali f'dan ir-rigward. L-UE tieħu nota tal-Forum Internazzjonali dwar ir-Rieżami tal-Migrazzjoni, u ser tkompli tippromwovi r-rispett għal-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati u r-risistemazzjoni volontarja.

Nagħmlu d-dinja aktar sikura

11. F'dinja ta' tensjonijiet ġeopolitiċi u theddid multidimensjonali għall-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, l-UE ser issaħħaħ l-isforzi tagħha biex **tippromwovi l-paċi u s-sigurtà** u taħdem flimkien ma' sħab oħra biex issostni l-valuri fundamentali u saħħaħ il-kapaċità tan-NU biex twettaq il-mandat tagħha f'dak ir-rigward. Huwa importanti wkoll li tizzied il-koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħra kif ukoll ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali. L-Unjoni Afrikana hija sieħba ewlenija tagħna, u ser ikompli l-isforzi biex jiġu appoġġati inizzjattivi ta' paċi u sigurtà mmexxija mill-Afrika kif ukoll biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni trilaterali UA-UE-NU.

12. Il-promozzjoni ta' sistema globali għad-**drittijiet tal-bniedem** u d-demokrazija hija fil-qalba tal-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-multilateraliżmu u t-tmexxija tal-UE fl-appoġġ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. L-UE ser tkompli tagħxi bħala mexxej globali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-istat tad-dritt u ser topponi kwalunkwe tentattiv biex isir pass lura fir-rigward tal-prinċipju li d-drittijiet tal-bniedem kollha huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati. Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u filwaqt li nirrikonoxxu l-impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, aħna nafferimaw mill-ġdid li d-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, iridu jkunu fil-qalba tar-rispons tagħna għall-pandemija. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fosthom għal raġunijiet ta' ġeneru, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u għad-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Aħna ser nappoġġaw l-implimentazzjoni tas-Sejħa għal Azzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u nagħmlu l-isforzi kollha biex id-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-aġenda tan-NU² billi nibnu koalizzjonijiet biex nippromwovu aġenda komuni bbażata fuq id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. L-UE ser tkompli tippromwovi finanzjament sostenibbli u adegwat tal-pilastru tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem.
13. L-UE ser tuża l-għodod kollha disponibbli biex twettaq l-impenji tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u kwalunkwe forum rilevanti ieħor, b'mod konsistenti mat-Trattat tal-UE u l-Karta tan-NU. Aħna ser inkomplu niddenunzjaw il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kull fejn iseħħu u ser nippromwovu aċċess bla restrizzjonijiet għal mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, insaħħu l-mekkaniżmi tar-responsabbiltà u tal-ġustizzja internazzjonali, u l-ġlieda kontra l-impunità. L-UE tibqa' sostenitur sod tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u hija impenjata li tipproteġi l-integrità tal-Istatut ta' Ruma u l-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jippromwovu Konvenzjoni ġdida dwar il-Prevenzjoni u l-Ikkastigar ta' Delitti kontra l-Umanità.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2021 tat-22 ta' Frar 2021 (ST 6326/21).

14. Fi żmien meta l-ispazju ċiviku huwa limitat ħafna f'ħafna partijiet tad-dinja, aħna ser nippromwovu spazju sikur u miftuħ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll għall-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, inkluż il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi tan-NU, u nkomplu nikkundannaw bil-qawwa t-theddid, l-attakki jew ir-ritaljazzjonijiet kontrihom.
15. L-UE ser tippromwovi t-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u ser iżżid b'mod vigoruż l-isforzi internazzjonali lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha inkluż permezz tal-avvanz tal-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni ta' perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u tippromwovi politiki sensitivi għall-ġeneru fil-fora tan-NU, kif ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' Beijing+25, inkluż il-Forum Ġenerazzjoni Ugwaljanza. L-UE ser tkompli tipprevjeni u tiġġieled kontra kull forma ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza domestika u l-vjolenza sesswali relatata mal-konflitt, u tara li dawk li wettqu r-reati jinżammu responsabbli, inkluż permezz tal-Grupp ta' Ħbieb immexxi mill-UE għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet.
16. L-UE tibqa' tħares l-impenn lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' tħares l-impenn lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.

17. Sieħba ġenwina tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE ser tkompli ssegwi approċċ integrat fil-konfront tal-konflitti u l-kriżijiet, mill-prevenzjoni ta' konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi sar-rispons għall-kriżijiet u l-istabbilizzazzjoni, u tappoġġa l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal waqfien mill-ġlied globali. Fl-implimentazzjoni tal-kunċett l-ġdid ta' medjazzjoni tagħha b'appoġġ għal reazzjonijiet multilaterali għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-UE ser tkompli taħdem mill-qrib man-NU b'appoġġ għall-isforzi ta' medjazzjoni tan-NU. B'segwitu għar-Reviżjoni tal-Arkitettura għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi tal-2020, l-UE ser tiffoka fuq li ġġib il-ħidma tal-konsolidazzjoni tal-paċi eqreb lejn in-nies, tippromwovi approċċ inklużiv b'diversi partijiet ikkonċernati u taħdem lejn finanzjament aktar prevedibbli u sostenibbli għall-konsolidazzjoni tal-paċi, f'kooperazzjoni mas-sħab. L-UE ser tibni fuq l-appoġġ tagħha għall-Fond tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi u ser tippromwovi inizjattivi mmirati lejn l-ġhoti ta' kontribuzzjonijiet konkreti għall-finanzjament sostenibbli tal-konsolidazzjoni tal-paċi. L-UE ser tinvolvi ruħha fid-diskussjonijiet waqt l-avveniment ippjanat ta' livell għoli dwar il-finanzjament tal-konsolidazzjoni tal-paċi fl-2022. L-UE ser taħdem ukoll biex issaħħaħ ir-rwol konsultattiv tal-Kummissjoni tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi għall-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll l-involviment tagħha stess ma' dan il-korp. L-UE ser tkompli tippromwovi l-inklużjoni taż-żgħażaġh fil-konsolidazzjoni tal-paċi u tappoġġa l-paċi bħala parti mill-appoġġ kontinwu tagħna għall-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà.
18. L-UE ser tkompli tappoġġa l-azzjonijiet tan-NU b'rispons għall-konflitti li jikkawżaw ħsara liċ-ċivili u li jheddu s-sigurtà u l-istabbiltà globali, kif ukoll il-varar tal-fażi li jmiss tal-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-Azzjoni dwar iż-Żamma ta' Paċi (A4P). Biex tindirizza l-konsegwenzi tal-kuntest globali li qed jinbidel, l-UE ser issaħħaħ is-sħubija tagħha man-Nazzjonijiet Uniti dwar iż-**żamma tal-paċi** u l-**maniġġar ta' kriżijiet**, inkluż permezz tad-definizzjoni tas-sett li jmiss tal-prijoritajiet UE-NU dwar operazzjonijiet ta' paċi u maniġġar ta' kriżijiet għall-2022-2024 kif ukoll permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Qafas UE-NU dwar l-Ġhoti ta' Appoġġ Reċiproku fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet rispettivi tagħhom. Ser tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu żgurati s-sinerġiji u tissaħħaħ il-komplementarjetà bejn il-missjonijiet tan-NU u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u strumenti rilevanti oħra tan-NU u tal-UE biex jittejjeb l-impatt fuq il-post, filwaqt li jiġi enfasizzat li l-koordinazzjoni hija partikolarment importanti f'kuntesti ta' tranżizzjoni. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà marbuta mat-**tibdil fil-klima** u d-degradazzjoni ambjentali kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal f'konflitti armati ser jibqgħu fokus ewlieni għall-UE.

19. L-UE ser tkompli tippromwovi l-preservazzjoni ta' ambjent spazjali sikur, sigur u sostenibbli u l-użu paċifiku tal-ispazju extratmosferiku. F'dan il-kuntest, ser inkomplu bil-ħidma tagħna fuq l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-linji gwida għas-sostenibbiltà fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju extratmosferiku.
20. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib man-NU u sħab oħra dwar l-indirizzar tat-terroriżmu globali, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u ċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-finanzzjament tat-terroriżmu. L-UE tibqa' impenjata li ssegwi approċċ integrat u multidixxiplinari biex tindirizza s-sitwazzjoni dinjija tad-drogi.
21. L-UE bħala donatur umanitarju globali ewlieni ser tkompli tiżviluppa s-sħubija tagħha man-NU lejn sistema umanitarja globali aktar effettiva u effiċjenti u ser tintensifika l-promozzjoni għar-rispett tal-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza³. L-UE ser tibqa' wkoll tiddefendi b'mod miftuħ id-Dritt Umanitarju Internazzjonali u ser tippromwovi aċċess sikur, rapidu u mingħajr xkiel għall-popolazzjonijiet milquta, it-twassil ta' għajjnuna umanitarja bbażat fuq il-prinċipji kif ukoll is-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċivili, b'mod partikolari tan-nisa u tat-tfal, tal-persuni b'diżabbiltà, u tal-ħaddiema umanitarji u mediċi. L-UE tafferma mill-ġdid l-importanza ta' reġimi ta' sanzjonijiet robusti u effettivi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Is-salvagwardja tal-ispazju umanitarju permezz ta' miżuri xierqa, inkluż permezz tal-inklużjoni konsistenti ta' eċċezzjonijiet umanitarji, fejn rilevanti, hija essenzjali sabiex ma jiġix impedit l-ġhoti ta' assistenza umanitarja.

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji tal-20 ta' Mejju 2021 (ST 8966/21).

22. L-arkitettura internazzjonali tad-**diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi** qed tiġi sfidata dejjem aktar mit-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-pandemija tal-COVID-19. L-UE ser tkompli taħdem għal eżitu b'suċċess tal-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), sabiex it-TNP jitħares u jissaħħa bħala strument multilaterali ewlieni għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, u biex jiġu promossi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu. L-appoġġ tagħna għall-ħidma tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) ser ikompli. Il-ksur tan-norma globali kontra l-armi kimiċi huwa inaċċettabbli u dawk responsabbli mill-użu tagħhom għandhom jinżammu responsabbli. L-UE tappoġġa wkoll il-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Investigazzjoni tal-Użu allegat ta' Armi Kimiċi u Bijoloġiċi, bħala komponent ewlieni tal-arkitettura tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm. L-imġiba responsabbli u l-prevenzjoni ta' tellieqa tal-armi fl-ispazju extratmosferiku ser jibqgħu fokus speċifiku. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jippromwovu strument volontarju biex jintlaħaq dan l-għan, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà ta' strument legalment vinkolanti ġdid fil-futur.
23. L-UE ser tikkontribwixxi għas-suċċess tal-Konferenzi ta' Reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC) u tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW). L-UE ser tibqa' impenjata b'mod attiv fil-Grupp ta' Esperti Governattivi biex jiġu diskussi l-kwistjonijiet relatati ma' teknoloġiji ġodda u emerġenti fil-qasam tas-sistemi ta' armi awtonomi letali. Din is-sena hija l-25 Anniversarju tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT). L-UE ser tkompli tippromwovi d-dħul fis-seħħ u l-universalizzazzjoni tas-CTBT, l-adeżjoni universali mat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu u l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal (APMBC). L-UE ser tkompli tappoġġa l-għan umanitarju tal-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi (CCM). L-UE tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati kollha biex jissottoskrivu għall-Kodiċi ta' Kondotta ta' The Hague kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi (HCoC) kif ukoll għall-implimentazzjoni effettiva tal-Programm ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha tiegħu. L-UE ser tkompli tippromwovi l-użu militari responsabbli ta' teknoloġiji ġodda u tappoġġa l-Aġenda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Diżarm, inkluż il-bidu ta' negozjati immedjati dwar Trattat għall-Waqfien tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili (FMCT) fil-Konferenza dwar id-Diżarm u s-segwitu għas-Seba' Laqgħa Biennali tal-Istati dwar l-aġenda tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir.

24. L-UE ser tkompli tippromwovi l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt internazzjonali eżistenti fiċ-ċiberspazju u ser taħdem mas-sħab internazzjonali biex tipprevjeni l-konflitti u tavvanza l-kooperazzjoni u l-istabbiltà permezz tal-qafas normattiv għal imġiba responsabbli tal-Istat, l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja u l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċibernetiċi. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli tippromwovi l-istabbiliment bikri ta' Programm ta' Azzjoni tan-NU għal Mġiba Responsabbli tal-Istati fiċ-Ċiberspazju. L-UE tissottolinja l-appoġġ kontinwu tagħha għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità bħala qafas legali multilaterali komprensiv għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi indirizzata iċ-ċiberkriminalità u tenfasizza l-komplementarjetà bejn l-isforzi tan-NU u l-istrumenti internazzjonali diġà eżistenti f'dan il-qasam u l-importanza tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja li l-ftehim dwar il-modalitajiet għan-negozjati ta' konvenzjoni internazzjonali ġdida dwar il-għieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għal finijiet kriminali għandu jippermetti proċess trasparenti u involviment sinifikanti tal-partijiet rilevanti kollha u jiżgura l-konsistenza legali. Filwaqt li tirrikonoxxi n-natura interkonnessa u kumplessa taċ-ċiberspazju, l-UE ser tkompli tippromwovi l-approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati biex tindirizza l-isfidi.

Nirbħu t-tellieqa kontra t-tibdil fil-klima u nrawmu mill-ġdid ir-relazzjoni tagħna man-natura

25. **It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità** huma theddid eżistenzjali għall-umanità. L-azzjoni globali dwar il-klima għadha ma laħqitx dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa li nieħdu azzjoni urġenti u deċiżiva issa biex niġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u nrawmu mill-ġdid ir-relazzjoni tagħna man-natura, filwaqt li nindirizzaw ukoll il-ħsara li t-tniġġis jikkawża lis-soċjetajiet u nsaħħu l-għieda kontra d-deforestazzjoni globali u l-iskarsezza tal-ilma. L-UE qed tagħti eżempju biż-żieda tal-impenji domestiċi tagħha bl-oġettiv li ssir newtrali għall-klima sal-2050 u bit-tisħiħ tal-ambizzjoni tal-Kontribut Stabbilit tagħha fil-Livell Nazzjonali (NDC) għall-2030 skont il-Ftehim ta' Pariġi għal mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-1990, f'konformità mal-oġettiv li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm taħt il-1.5°C. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija ta' tkabbir tal-UE, li tistabbilixxi mudell għal tkabbir sostenibbli u inklużiv, bi tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u rkupru globali ekoloġiku li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura. Is-soċjetajiet tagħna jeħtieġu b'mod urġenti sens ċar ta' direzzjoni, sabiex it-tranżizzjoni zero netta tkun tista' tiġi aċċellerata b'mod sinifikanti u sabiex il-flussi finanzjarji jkunu allinjati ma' din l-ambizzjoni.

26. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod intensiv mas-sħab kollha, b'mod partikolari l-ekonomiji ewlenin kollha, biex thegħgħom iżidu l-ambizzjonijiet klimatiċi tagħhom, jilhq u l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u ftehimiet ambjentali oħra bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, jiksbu n-newtralità klimatika sa nofs is-seklu, jiġġieldu kontra d-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa u jreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità sal-2030⁴. Il-Konferenzi tan-NU tal-2021 tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP15), il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (COP15) u s-26 Konferenza tal-Partijiet dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU (COP26) ser ikunu mumentu ewlenin f'dan ir-rigward. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex itejbu l-ambizzjoni u jżidu ċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim tal-NDCs tagħhom, kif ukoll biex jikkonunikaw Strateġiji fit-Tul għal Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ferm qabel is-26 Konferenza tal-Partijiet (COP26) fi Glasgow f'Novembru 2021. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonfermaw l-impenn kontinwu tagħhom biex iżidu aktar il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima u jhegħgu lill-pajjiżi żviluppanti kollha, u partijiet oħra f'pożizzjoni li jagħmlu dan, biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom stess, filwaqt li jissottolinjaw l-importanza ta' finanzjament akbar għall-adattament.
27. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll l-oġġettivi tad-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema. L-UE ser issegiwi azzjoni aċċellerata lejn tranżizzjoni globali rapida tal-enerġija u aċċess universali għal enerġija sikura, sigura, sostenibbli u affordabbli fid-djalogu ta' Livell għoli tan-NU dwar l-Enerġija u lil hinn, u ser tkompli tindirizza l-faqar enerġetiku bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030. Barra minn hekk, l-UE ser tappoġġa inizjattivi mmirati lejn l-ġoti ta' kontribuzzjonijiet konkreti għal dawn il-proċessi, bħal-laqgħa ppjanata tan-NU Stokkolma+50 li ser issir fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-ewwel konferenza tan-NU dwar l-ambjent uman fl-2022. L-UE ser timpenja ruħha b'mod kostruttiv f'diskussjonijiet dwar it-trasformazzjoni tar-relazzjoni tal-bnedmin man-natura, iż-żieda u l-aċċellerazzjoni tal-mezzi ta' implimentazzjoni, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament kif ukoll l-irkupru sostenibbli mill-pandemija tal-COVID-19.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija-It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-25 ta' Jannar 2021 (ST 5263/21).

28. Waqt li tkun qed tibni fuq il-momentum maħluq mis-Summit tan-NU dwar il-Bijodiversità u l-[Wegħda tal-Mexxejja għan-Natura](#), l-UE ser tmexxi bl-eżempju fl-indirizzar tal-kriżi globali tal-bijodiversità u fl-iżvilupp ta' Qafas Globali ambizzjuż u ġdid tan-NU dwar il-Bijodiversità fil-Konferenza tan-NU tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Ser inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-finanzjament ambjentalment sostenibbli, b'mod partikolari taħt il-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli, u nibqgħu impenjati li nżidu aktar il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament ambjentali internazzjonali. L-UE ser tappoġġa aċċess universali għal ilma tax-xorb sikur u sanità adegwata.
29. L-UE ser tkompli tiddefendi r-rwol ċentrali tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) li tistabbilixxi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra, u tibqa' impenjata li ssaħħaħ il-governanza internazzjonali tal-oċeani u tiżgura oċeani u ibħra sikuri, siguri, b'saħħithom u produttivi fil-Konferenza li jmiss tan-NU dwar l-Oċeani tal-2022 u f'fora rilevanti oħra, b'mod partikolari billi żżid l-isforzi biex tiżgura l-konklużjoni ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti u ambizzjuż skont il-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) kif ukoll biex tilħaq qbil globali dwar it-tniġġis tal-baħar mill-plastik.

Tiswir tal-aġenda diġitali globali

30. L-UE ser tappoġġa l-isforzi tan-NU biex tisfrutta teknoloġiji ġodda għal bidla pożittiva u tiżviluppa governanza adegwata bbażata fuq approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati. L-UE tagħraf il-kontribut tad-diġitalizzazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli filwaqt li tirrikonoxxi li jekk id-diġitalizzazzjoni ma tiġix indirizzata kif suppost, din tista' tamplifika inugwaljanzi preeżistenti. Filwaqt li nibnu fuq il-viżjoni tal-UE ta' Deċennju Diġitali u l-prijorità tagħha li tkun adattata għall-era diġitali, aħna ser immexxu l-isforzi internazzjonali biex nibnu dinja diġitali miftuħa, ħielsa u sigura, f'konformità mal-SDGs u f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tappoġġa wkoll inizzjattivi meħuda fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Faċilitazzjoni tat-Teknoloġija tan-NU sabiex issaħħaħ il-koerenza fost l-inizzjattivi tax-xjenza u t-teknoloġija u tiġi aċċellerata l-kisba tal-SDGs.

31. L-UE ser tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet aktar ġenerali tat-trasformazzjoni diġitali permezz ta' inizjattivi biex tespandi l-konnettività diġitali globali, ittejjeb il-ħiliet diġitali, tikkontribwixxi għall-kapaċità diġitali globali u tippermetti l-intraprenditorija diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE ser timmira li tnaqqas id-distakk diġitali u tindirizza d-disparitajiet diġitali, b'mod partikolari għal dawk li ma jistgħux jibbenefikaw bis-sħiħ minn spazju u servizzi diġitali arrikkiti, aċċessibbli u siguri. L-UE ser tistinka wkoll biex issawwar u tmexxi negozjati internazzjonali billi tistabbilixxi standards u prinċipji globali ambizzjużi, kif ukoll mekkaniżmi adegwati ta' governanza u kooperazzjoni għall-era diġitali l-għdida. L-UE ser tkompli tibni shubji strateġiċi biex issawwar l-aġenda diġitali globali u ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Kooperazzjoni Diġitali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, inkluż billi tiffitex li tiffirma koalizzjoni globali ta' sħab tal-istess fehma madwar valuri kondiviżi u viżjoni komuni ta' diġitalizzazzjoni demokratika, ibbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrata fuq il-bniedem.
32. L-UE ser tkompli tippromwovi approċċ etiku u ċċentrat fuq il-bniedem, li jiżgura l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fl-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll tibni konverġenza ma' oqfsa moderni ta' protezzjoni tad-data personali. L-UE ser taħdem ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tiżgura internet miftuħ, liberu, sigur u stabbli; biex tipproteġi l-privatezza u l-flussi tad-data; biex tiġġieled kontra d-diskors ta' mibegħda, il-kontenut terroristiku u illegali online; biex tiġġieled kontra l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni; biex jinżamm il-mudell b'diversi partijiet ikkonċernati tal-governanza tal-internet, li huwa miftuħ, inklużiv u deċentralizzat; u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-finanzi diġitali u tal-e-gvern.

Sħubija aktar b'saħħitha bejn l-UE u n-NU

33. F'dinja li qed tevolvi rapidament, sħubija b'saħħitha u dinamika bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti hija aktar importanti minn qatt qabel. L-UE ser tkompli tappoġġa lin-NU bħala l-forum indispensabbli għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-pedament tas-sistema multilaterali. Hija ser tfittex li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha man-NU billi tistabbilixxi Summit regolari bejn l-UE u n-NU. Ser nibnu sħubijiet aktar b'saħħithom, aktar varjati u inklużivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha – inkluż l-Istati Membri tan-NU, l-organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, is-settur privat u d-dinja akkademika – biex nappoġġaw il-modernizzazzjoni tan-NU u nfasslu r-reazzjonijiet globali għall-isfidi tas-seklu 21. L-UE ser tibqa' mutur ewlieni ta' multilateraliżmu verament inklużiv u f'network u ser ttiprovdi tmexxija globali, bil-ħsieb ta' dinja aktar sikura, stabbli u prospera għal kulħadd.
-